# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 18 ta' April, 2001**

**Citaz.  numru:  545/96 M3 NA**

**Joanna Tabone pro et noe**

**vs**

**Jesmond Tabone**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors tal-konvenut tal-5 ta' Ottubru 1999 fejn jitlob lil din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* digriet taghha tat-22 ta' Settembru 1999 fejn hija kienet issospendiet l-access li huwa kellu ghat-tifla minuri Valentina.  Di piu' jilmenta illi wara dan id-digriet qed jigi lilu rrifjutat ukoll access ghall-minuri Nicolai.  It-talba ghalhekk hija ghar-revoka fil-kaz tat-tifla w ordni biex l-access jigi osservat fir-rigward tat-tifel.

Ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghall-21 ta' Dicembru 1999 f'liema seduta l-Qorti rriattivat l-access tal-missier fir-rigward tat-tifel minuri. Jidher illi dan issa qieghed isir b'mod pjuttost regolari u m'hemmx ghalfejn, f'dan l-istadju, jinghad aktar dwar din it-talba hlief ghall-punt marginali li sejjer jissemma' aktar 'il quddiem.

Fir-rigward, invece tal-minuri Valentina, il-Qorti dehrilha li kellha tisma' lis-Social Workers Monica Gatt Sacco u Ruth Sciberras u ddiferriet ir-rikors ghat-2 ta' Frar, 2000 bil-hin. F'din is-seduta u f'dik tat-28 ta' Frar 2000 is-Social Workers ma gewx imharrkin mir-rikorrenti w ir-rikors gie differiet ghat-22 ta' Mejju 2000 ghal dan l-iskop u biex il-Qorti tisma' wkoll lis-Social Worker Daniela Zerafa. Is-Social Workers Daniela Zerafa u Marisa Christina xehdu fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 fejn xehed ukoll estensivament ir-rikorrenti. F'din is-seduta fuq talba ta' l-istess rikorrenti l-Qorti nnominat lil Helena Tanti Burlo' biex tirrelata "*dwar l-access favur il-minuri Valentina w access aktar ampja versu l-minuri Nicolai*". Ir-rapport gie finalment mahluf fis-seduta tal-21 ta' Frar 2001 fejn giet eskussa wkoll il-Perit Tekniku w ir-rikors differiet ghad-digriet kamerali, liema digriet sejjer jinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi ghandu jkun ovvju mix-xhieda moghtija, mir-rapport ipprezentat u mill-eskussjoni tal-Perit illi, almenu f'dan l-istadju, filwaqt li l-access favur il-minuri Nicolai ghandu jkompli dan ma ghandux jigi estiz u li fir-rigward tal-minuri Valentina dana ghandu, ghall-mument, jibqa' sospiz. Dan apparti pero' l-Qorti jidhrilha illi t-talba maghmulha mir-rikorrenti (minkejja li mhux fir-rikors promotur) illi jiehu lit-tifel jara lill-ommu hija wahda ragonevoli u ghalhekk qieghdha tigi milqugha dment illi, u fuq parir ta' l-istess Perit, din il-vizita ssir ukoll taht supervizjoni u ghalhekk dan l-inkontru jrid jigi kkonkordat mas-Supervisor tac-Centru Hidma Socjali. Di piu' l-Qorti tacceta illi l-interess tal-minuri Valentina fil-prezent huwa li ma tarax lil missierha. Fit-tul pero' dina ma hijiex is-soluzzjoni li hija fl-ahjar interess tal-minuri w il-Qorti qieghdha ghalhekk tordna illi l-familja kollha tikkoordina mat-Taqsima tal-Vjolenza Domestika fi hdan ic-Centru Hidma Socjali biex tinstab soluzzjoni li permezz taghha l-access tal-missier ghall-minuri Valentina jkun jista' wkoll jigi riattivat. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna komunika ta' dan id-digriet lid-Direttur tat-Taqsima Vjolenza Domestika fi hdan ic-Centru Hidma Socjali.

L-ispejjes huma rizervati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.